



28.9.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 0331/2012 impressqa minn Ulrich Neef, ta' ċittadinanza Ġermanija, dwar l-installazzjoni fl-Ewropa tad-DVB-T2 bħala standard uniformi għat-televiżjoni diġitali u r-radju

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jargumenta favur il-kambjament obbligatorju fl-Ewropa għad-DVB-T2 (Digital Video Broadcasting - Second Generation Terrestrial), kemm għat-televiżjoni kif ukoll għar-radju. Skont il-petizzjonant, din il-konverżjoni toffri vantaġġi kbar fir-rigward tal-kwalità tax-xandiriet. Barra minn hekk, jaqbel għall-konsumatur li jintuża standard uniformi wieħed, peress li jkollu jixtri dekodifikatur jew riċevitur wieħed biss.

### 2. Ammissibiltà

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

Ir-radju huwa parti importanti mix-xena kulturali fl-Ewropa u jitwassal permezz ta' varjetà kbira ħafna ta' pjattaformi differenti. Minbarra t-trażmissjoni terrestri diġitali ddedikata li għaliha jeżistu standards differenti, is-servizzi tar-radju jiġu trażmessi wkoll minn fuq l-Internet, minn fuq pjattaformi terrestri diġitali u tat-TV bil-mowbjil, permezz tal-kejbil u s-satellita u minn fuq in-netwerks FM u AM terrestri analogi li huma stabbiliti sew. Id-distribuzzjoni tar-radju terrestri konvenzjonali qed issir dejjem iż-żejjed integrata fid-dinja innovattiva tal-lum b'multipjattaformi u multimedja. Madankollu, minkejja li r-radju huwa kważi omnipreżenti, l-importanza relattiva tiegħu fil-pjattaformi tat-trażmissjoni rispettivi u fl-apparat tal-konsumatur multifunzjonali qed tonqos. Filwaqt li l-kundizzjonijiet tas-suq għar-radju huma differenti minn Stat Membru għal Stat Membru, il-benefiċċċi potenzjali mill-

ekonomiji ta' skala, mill-konverġenza, mid-diġitizzazzjoni u mit-titjib għal standards diġitali iż-żejjek avvanzati huma simili.

L-istandard DVB-T2 huwa teknoloġija b'saħħitha ġdida li tista' tintuża wkoll għat-trażmissjoni bir-radju terrestri. Attwalment din qed tiġi ppruvata għat-trażmissjonijiet bir-radju terrestri fl-Awstrija u fid-Danimarka. Il-Kummissjoni Ewropea qed issegwi mill-qrib dawn l-iżviluppi. Billi sa issa m'hemmx esperjenza dwar it-tnedijiet kummerċjali ta' din it-teknoloġija għat-trażmissjoni bir-radju terrestri, jidher li għadu kmieni wisq biex jitqies li dan jew kwalunkwe standard ieħor isiru obbligatorji fil-livell tal-UE. Meta jitqies li standard uniku wieħed isir obbligatorju, għandu jitqies li r-riċevituri eżistenti kollha li jużaw standards differenti jsiru skaduti. Pereżempju, 25% tas-smiġħ tar-radju fir-Renju Unit huwa diġà permezz tar-riċevituri tad-DAB<sup>1</sup> Ir-riċevituri FM u AM huma rħas u kważi omnipreżenti fl-Ewropa. Barra minn dan, jeżistu kunsiderazzjonijiet pereżempju fir-rapport tal-Kunitat tal-Komunikazzjonijiet għall-House of Lords fir-Renju Unit li jitkolbu għat-tieni kambjament għat-televiżjoni bl-Internet. Skont ir-rapport, il-għandu jiżviluppa pjan biex ixandar is-servizzi tal-programmi televiżivi kollha mill-Internet sabiex il-frekwenzi li qed jintużaw attwalment mill-pjattaforma tad-DTT ikunu jistgħu jiġi allokat għal applikazzjonijiet oħra bħas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bil-mowbajl<sup>2</sup> B'din il-perspettiva ikun hemm dubji wkoll jekk it-tranżizzjoni sħiħa tat-trażmissjoni DVB-T2 tar-radju terrestri tkunx b'saħħitha kompletament għall-ġejjieni fuq skala pan-Ewropea.

Attwalment il-konsumaturi u x-xandara huma meqjusa moqdija l-aħjar jekk l-għażla tat-tekniki tat-trażmissjoni bir-radju titħalla f'idejn il-forzi tas-suq, il-kooperazzjoni fl-industrija u l-inizjattivi tal-politika nazzjonali (ikkoordinati u kkonsultati) fi ħdan il-limiti tal-ftehimiet internazzjonali dwar l-użu tal-ispettru u tal-assenazzjoni tal-ispettru fil-livell nazzjonali. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-politika tar-radju tiġi fformulata u implimentata fil-livell tal-Istat Membru. Sa mill-2002 il-Kummissjoni enfasizzat b'mod kontinwu l-benefiċċċi potenzjali tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tkompli tappoġġja l-iskambju tal-esperjenza u tal-aħjar prattika bejniethom.

---

<sup>1</sup> xandir tal-awdjo diġitali.

<sup>2</sup> televiżjoni terrestri diġitali.